# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 60 | IT-TLIETA, IL-15 TA' MEJJU, 1945. | Nru. 60


# NITGĦALLMU MILL-IMGĦODDI

(ROBERT BIASINI, DIRETTUR TAL-BIEDJA)

*IL-GWERRA fl-Ewropa spiċċat u fil-waqt li aħna niżżu ħajr 'l Alla li ħelisna mill-gwaj, nitolbu li l-paċi tad-dinja kollha ma ddumx ma sseħħ u b'hekk iġġibna għaż-żmien normali li kulħadd jixtieq.*

*Aħna wasalna fi żmien meta, fil-waqt li ma nnaqqsux il-ħidma tagħna biex ngħinu l-produzzjoni ta' l-ikel li għadha meħtieġa, jiħtieġ ukoll li nibdew naħsbu bil-quddiem għaż-żmien li ġej, u biex dan ikun għall-biedja żmien ta' paċi u ta' progress jiħtieġ ukoll li aħna nagħtu daqqa ta' għajn lura u naraw x'ġara fl-imgħoddi.*

*Wara l-gwerra l-oħra, il-biedja kienet marret ħażin wisq. Il-fatti li ġraw huma magħrufa mill-bdiewa kollha u ma hemmx bżonn li nsemmihom hawnhekk. Il-krisi fil-kampanja li damet tkaxkar sa kemm bdiet din il-gwerra, kienet ukoll ftit jew wisq akkumpanjata minn krisi fil-pajjiż. L-għorrief jgħidu illi l-istorja tirripeti ruħha u għal din ir-raġuni aħna għandna nagħmlu ħiltna kollha biex fil-biedja din l-istorja ma terġax tissuċċiedi.*

*Il-bdiewa jafu tajjeb dak li kien ġara. Qawl qadim Malti jgħid "staqsi 'l imġarrab", u, bħala Direttur tal-Biedja jiena rrid nirrikmanda dan il-qawl lill-bdiewa Maltin u Għawdxin, l-iżjed lil dawk il-bdiewa li ta' spiss kienu jgħidu "aħna rridu l-libertà ta' l-imgħoddi."*

*Jekk hemm bniedem li ma jridx jiċħad il-libertà lill-bdiewa, dan neċessarjament hu d-Direttur tal-Biedja, għaliex xogħlu u ġieħu jiddependu biss filli l-Biedja tgħaddi 'l quddiem. L-interess li jieħu d-Direttur tal-Biedja fil-bdiewa għandu jkun sewwa sew dak illi missier jieħu f'uliedu.*

*L-ebda missier ma jiċħad libertà xierqa lil uliedu, jiġifieri, illi meta missier ikun jaf illi l-libertà sejra tkun ta' ġid għal uliedu dan jagħtihielhom bil-qalb, iżda jekk hu jaf illi ċ-ċerta libertà li x'uħud minn uliedu qed jitolbu, qegħdin jitolbuha għax ma jafux sewwa xi tfisser, u meta hu bħala missier ikun jaf li sejra tkunilhom ta' dannu kbir, allura hu dmir sagru għalih li jiċħadhielhom. Jekk uliedu jkollhom xi ħabib u dana, jew għax ma jkollux esperjenza biżżejjed jew għax ikun imqabbad minn xi ħaddieħor, jew insomma għal xi finijiet oħra jkun qed jagħtihom parir li jista' jservihom ta' deni, allura l-missier ikun fid-dmir illi jiftaħ għajnejn uliedu.*

*Forsi kultant issib xi wieħed illi jgħidlek: "Lill--bdiewa m'għandhomx jindaħlulhom il-barranin." Kif jista' qatt id-Direttur tal-Biedja jissejjaħ barrani? Barranin huma appuntu dawk l-istess nies li minn xi żmien 'l hawn qed jieħdu interess biex jitħalltu mal-bdiewa fi kwistjonijiet li jiħtieġu esperjenza kbira.*

*Mela ejjew nitgħallmu mill-imgħoddi. Biex ma jiġrix dak li ġara wara l-gwerra l-oħra, jiħtieġ illi l-bdiewa jiflu l-affarijiet tagħhom sewwa u jiħtieġ ukoll illi jingħaqdu wara l-istandard tal-familja tagħhom. Huma jiħtieġu gwida tajba biex turihom it-trieq it-tajba u teħlishom mill-abbiss li bla dubju jsibu ruħhom fih jekk ma jisimgħux il-parir disinteressat ta' min hu dmiru li jmexxihom tajjeb.*

*Jiħtieġ niftakru lkoll illi t-trieq li sejrin insibu malli tispiċċa l-gwerra għalkollox ma hix dik it-trieq li ħallejna qabel bdiet il-gwerra. Iċ-ċirkustanzi tbiddlu mhux biss f'Malta, iżda wkoll mad-dinja kollha, għaldaqstant hu dmirna li aħna n'estu ruħna għad-dinja ġdida, dinja li titlob tmexxija tajba u għaqlija.*

---

## IS-SEBA' WIRJA TA' TJUR U FNIEK

### FIL-ĠONNA TA' SANT'ANTON, FID-19 U 20 TA' MEJJU, 1945.

Il-Kumitat tal-Wirja jrodd ħajr għal tazza oħra li rċieva minn għand is-Sur Lewis Bonaci, u għal rigali ta' flus minn għand is-Sur Roy Hay (£1); l-Onor. W. Salomone (10s.); u s-Sur Michael Demajo (£1).

Min irid jagħti xi tazzi jew rigali ta' flus huwa mitlub li jibgħathom għand is-Segretarju tal-Wirja, is-Sur V.R. Rizzo, l-Uffiċċju tal-Biedja, il-Għammieri, jew lis-Sur Salv. Zammit, il-"Housing Officer" ta' Birkirkara. L-ismijiet ta' kulħadd jiġu ippubblikati b'radd ta' ħajr fil-ġurnali.

**FNIEK GĦALL-BEJGĦ.** — Id-Dipartiment tal-Biedja jgħarraf illi fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, hemm għall-bejgħ dawn il-fniek bil-prezzijiet imsemmijin hawn taħt: Fniek nisa mgħammrin, £2 il-waħda; Fniek nisa żgħar ta' ħames xhur, £1. 5s. il-waħda; Fniek irġiel ta' tmien xhur u 'l fuq £2 il-wieħed; Fniek irġiel ta' ħames xhur, £1 il-wieħed; Fniek irġiel xjuħ, 15s. il-wieħed.

**FTUĦ TA' SWIEQ TAL-PITKALI NHAR TA' SIBT.** — Id-Dipartiment tal-Biedja jgħarraf lill-bdiewa, bejjiegħa tal-ħaxix u pitkali illi ttieħdet deċiżjoni illi tinqata' d-drawwa illi mħabba fiha s-swieq tal-pitkali kienu jkunu magħluqin nhar ta' Sibt ħlief għall-bejgħ tal-qara' bagħli u frawli. **Mil-lum 'il quddiem, kull xorta ta' ħaxix u frott jista' jiġi ikkunsinnat mill-bdiewa nhar ta' Sibt sal-10 ta' filgħodu u l-bejgħ bl-irkant jibqa' sejjer sa nofs in-nhar.**

